**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**-vs-**

**Abdi Gure Yusuf, detentur tal-permess ta' residenza Maltija numru 117955A**

*Kump. Nru. 05/2018*

Illum 25 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Abdi Gure Yusuf** talli:

> Fit-2 ta' Dicembru, 2017, ghall-habta tqat-tlieta u kwart ta' filghodu (03:15hrs) fi Triq Ross, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Mohammad Hasan Abdullahi f'periklu car, permezz ta' strument li jaqta' jew li jniggez, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, liema griehi huma ta' natura gravi.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi l-parte leza beda biex xehed li hu ma tantx ftakar dak li sehh bejnu u l-imputat peress li kien f'sakkra. Qal li kienu wasslu fl-idejn izda ghal diversi drabi ghal kemm mistoqsi dwar kif bdiet u zvolgiet il-glieda ma tahx risposta cara filwaqt li nsista li hu kien f'sakkra ghax kien xorob hafna Jack Daniels u ma ftakarx x'gara. Jaf li kien fuq bus stop u li wegga' izda stqarr li llum hu u l-imputat huma hbieb u jahfirlu.

Mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta li hu kien iddefenda ruhu wara li kien il-parte leza li pprova jaggredieh.

Illi l-abbli prosekutur fit-trattazzjoni tieghu kkonferma li ma sab xejn li jxejjen il-verzjoni li ta l-imputat fejn dan stqarr li kull ma ghamel kien li ddefenda lilu nnifsu mill-aggressjoni perpetwata fil-konfront tieghu mill-parte leza. Semma wkoll li minhabba l-griehi gravi li garrab l-istess imputat kawza ta' l-aggressjoni mill-parte leza, dan baqa' rikoverat l-isptar ghal bosta jiem.

Illi din il-Qorti kkunsidrat li kull ma rrizulta kien li sehhet glieda, fejn il-parte leza ma offra ebda dettalji dwar dak li sehh bejnu w l-imputat. Ghalkemm qal li lest jahfer lill-imputat, fl-istess hin baqa jinsisti li ma ftakar xejn peress li kien xurban.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha tenut kont il-mankanza assoluta ta' provi sabiex jissostanzjaw l-akkuza kontestata lill-imputat.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontrih u tilliberah.

Finalment il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**